



Brussell, 30 ta' April 2025
(OR. en)

8186/25

LIMITE

SPORT 17
JEUN 55
EDUC 118
SAN 164

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar approċċ integrat għall-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq f'għadd ta' laqgħat. Id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar it-test mehmuż.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma li hemm qbil dwar it-test mehmuż u jippreżentah lill-Kunsill (EYCS) għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tat-13 ta' Mejju 2025 u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar approċċ integrat għall-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni

INTRODUZZJONI

Billi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp fiżiku, mentali u soċjali, l-isport u l-attività fiżika jaqdu rwol ewlieni fil-bini ta' soċjetà sana u inklużiva u koeżjoni interġenerazzjonali, u l-ambjent skolastiku għandu jkun post ovvju fejn jiġu pprattikati, b'mod partikolari għat-tfal u l-adolessenti. Għalkemm il-konklużjonijiet jiffukaw fuq it-tfal tal-età tal-iskola u l-adolessenti u l-ambjent skolastiku, għandu jiġi enfasizzat li l-isport u l-attività fiżika huma elementi integrali tal-edukazzjoni, mill-età l-aktar bikrija sal-edukazzjoni terzjarja kif ukoll fit-tagħlim tul il-ħajja, u jistgħu jiġu pprattikati kull fejn ikun konvenjenti. Approċċ integrat f'dan il-kuntest isaħħaħ il-kooperazzjoni transsettorjali fost is-setturi rilevanti kollha.

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU:

1. Fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompetenza li twettaq azzjonijiet fil-qasam tal-isport biex jiġu appoġġati, ikkoordinati u ssupplimentati l-azzjonijiet tal-Istati Membri, u fl-Artikolu 165, li jistipula li l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kwistjonijiet Ewropej tal-isport, filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-isport, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq il-volontarjat, u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu.

2. Fil-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2024-2027 u l-qasam ta' prijorità "Integrità u valuri fl-isport" indikati fih, kif ukoll is-suġġett ewlieni ta' "sport u edukazzjoni"¹.
3. Fl-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness tal-Anness.

FILWAQT LI JIEĦDU NOTA LI:

4. Il-livell ta' attività fiżika fis-soċjetà u indikaturi korrelatati oħra, bħall-benesseri mentali u l-livelli ta' piż żejned jew obeżità, juru xejra negattiva u huwa fl-interess kemm tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi li din ix-xejra titreġġa' lura. Hemm evidenza li turi li tħassib bħal dan huwa partikolarment rilevanti għat-tfal u l-adolesxenti².
5. Ir-raġunijiet ewlenin irrappurtati għan-nuqqas ta' prattika tal-isport u tal-attività fiżika b'mod aktar regolari huma n-nuqqas ta' ħin, in-nuqqas ta' motivazzjoni u n-nuqqas ta' interess³. Jekk l-attività sportivi jsiru aktar attraenti, jekk jintwerew fil-forom varjati kollha tagħhom, jekk l-isport u l-attività fiżika jiġu promossi bħala passatemp pjuttost milli obbligu, jekk it-tfal u l-adolesxenti jingħataw edukazzjoni dwar il-benefiċċji relatati mas-saħħa u l-benefiċċji mentali u emozzjonali li wieħed ikun fiżikament attiv u jekk tinħoloq atmosfera ta' appoġġ fl-ambjent tal-iskola, ikun jista' jingħataw kontribut pożittiv biex jitreggħu lura x-xejriet negattivi f'dan il-qasam.

¹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 - 31 ta' Diċembru 2027), ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3527/oj>.

² Cosma A., Abdrakhmanova S., Taut D., Schrijvers K., Catunda C., Schnohr C.: *A focus on adolescent mental health and wellbeing in Europe, central Asia and Canada. Health Behaviour in School-Aged Children. Rapport internazzjonali mill-istħarriġ 2021/2022*. Volum 1. Copenhagen, Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa (2023).

³ Stħarriġ imwettaq minn Kantar fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 525, Sport u Attività Fiżika. Rapport sħiħ. Riċerka fuq il-post: April-Mejju 2022.

6. Matul il-pandemija tal-COVID-19, is-saħħa fiżika u mentali tat-tfal u tal-adolesxenti marret lura u l-attività fiżika tagħhom naqset⁴. Barra minn hekk, il-konsegwenzi negattivi assoċjati, bħal soċjalizzazzjoni aktar batuta, livelli oġhla ta' stress u ansjetà u żieda fl-inattività fiżika, ikomplu jenfasizzaw il-ħtieġa għal appoġġ xieraq għall-iżvilupp tal-ħiliet motorji, il-ħiliet soċjali, l-attività sportiva u s-saħħa mentali.
7. L-iżvilupp tat-tfal u l-adolesxenti huwa proċess kumpless u diversi fatturi, bħad-drawwiet tal-ikel, il-ħin iħarsu lejn skrin u l-perċezzjoni tal-ġisem tal-individwu jistgħu jinfluwenzaw il-livell ta' attività fiżika u l-imġiba sedentarja. L-indikaturi għat-tfal u l-adolesxenti f'dawn l-aspetti jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri komprensivi⁵.
8. Il-kunċett tal-litteriżmu fiżiku, li jinvolvi li t-tfal u l-adolesxenti jiksbu għarfien, jiżviluppaw ħiliet motorji u jibnu l-motivazzjoni u l-fiduċja fihom infushom, huwa aspett importanti tal-isport u l-attività fiżika fl-iskola. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati simultanjament id-determinanti affettivi, konjittivi, fiżiċi u komportamentali tal-attività fiżika sabiex jappoġġaw is-saħħa u jiffaċilitaw l-impenn għall-eżerċizzju fiżiku tul il-ħajja permezz ta' motivazzjoni personali u ferħ fl-isport u l-attività fiżika⁶.

⁴ OECD/Unjoni Ewropea (2022), *Health at a Glance: Europe 2022: State of Health in the EU Cycle*, OECD Publishing, Pariġi. Matul il-pandemija tal-COVID-19, is-sehem taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena li rrapportaw sintomi ta' dipressjoni kien mill-inqas 50 % oġhla mill-medja tal-popolazzjoni fi kważi l-pajjiżi Ewropej kollha.

⁵ *WHO guidelines on physical activity and sedentary behaviour: overview*. Copenhagen, Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa (2021); *Report on the fifth round of data collection, 2018–2020: WHO European Childhood Obesity Surveillance Initiative (COSI)*. Copenhagen, Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa (2022).

⁶ Cornish, K., Fox, G., Fyfe, T. et al. *Understanding physical literacy in the context of health: a rapid scoping review*. BMC Public Health 20, 1569 (2020).

FILWAQT LI JENFASIZZAW LI:

9. L-isport u l-attività fiżika għandhom potenzjal edukattiv kbir u għandhom rwol sinifikanti fit-trawwim tal-valuri komuni tal-UE⁷, billi jiġġeneraw impatt pożittiv fuq is-soċjetà ċivili, il-koeżjoni soċjali u s-saħħa pubblika. Jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-tiżni tar-reżiljenza tal-Istati Membri tal-UE u l-ġenerazzjonijiet futuri tagħhom.
10. Il-promozzjoni effettiva tal-isport u l-attività fiżika fost it-tfal u l-adolesxenti teħtieġ approċċ integrat li jinvolvi t-tiżni tal-kooperazzjoni transsettorjali, speċjalment bejn l-oqsma tal-isport, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġħ u s-saħħa, kif ukoll l-involviment tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha.
11. L-isport u l-attività fiżika huma ta' sinifikat kbir għall-iżvilupp olistiku tal-individwi, it-titjib tal-kompetenzi ewlenin u l-ħiliet trażversali, bħall-ħiliet meħtieġa għall-impjegabbiltà⁸, li huma trasferibbli lil hinn mill-kuntest tal-iskola. Jistgħu jstimulaw ukoll il-proċessi konjittivi, jiffaċilitaw l-apprendiment u jtejbju l-eżiti edukattivi generali⁹. Li wieħed jitgħallem ikun fiżikament attiv minn età bikrija huwa investiment f'ġenerazzjonijiet b'edukazzjoni tajba, b'saħħithom, produttivi u kuntenti.

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport, ĠU C 196, 8.6.2018, p. 23-26.

⁸ Di Cola, G. *Developing skills and competences in sporting value chains*. Ġinevra: ILO MINEPS VII - Dokument finali ta' Baku. Baku: UNESCO, 2023.

⁹ Barbosa A, Whiting S, Simmonds P, Scotini Moreno R, Mendes R, Breda J. *Physical Activity and Academic Achievement: An Umbrella Review*. International Journal of Environmental Research and Public Health. 2020; 17(16):5972.

12. L-iskejjel jistgħu jkunu spazji għall-prattika tal-isport u l-attività fiżika u għandhom il-potenzjal li jsiru ċentri ta' attività fiżika lokali. It-tfal u l-adolexxenti jistgħu jiġu mħeġġa jkunu aktar attivi permezz ta' varjetà ta' attivitajiet biex jizjed il-livell ta' attività fiżika u biex titnaqqas l-imgħiba sedentarja fl-iskola, inkluż l-aħjar użu tal-infrastruttura tal-iskola u l-inħawi ta' madwarha, speċjalment barra u fejn possibbli f'ambjenti ħodor naturali, klassijiet ta' edukazzjoni fiżika ta' kwalità għolja, attivitajiet sportivi ekstrakurrikulari, attività fiżika matul il-brejk, qabel, matul u wara l-klassijiet u meta possibbli anke fi tmiem il-ġimgħa u matul il-vaganzi tal-iskola, filwaqt li jiġi ffaċilitat ukoll l-ispostament attiv lejn u mill-iskola.
13. Il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-moviment sportiv, b'mod partikolari l-klabbs sportivi, tista' ttejjeb l-attività fiżika u l-involviment fl-isport, u b'hekk toħloq aktar opportunitajiet biex wieħed jibqa' attiv. Tista' sservi wkoll bħala punt ta' dħul għat-tfal u l-adolexxenti għall-isport organizzat u trawwem l-approċċ tal-isport tal-massa bħala waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport¹⁰.
14. L-istrateġiji u l-programmi ppjanati fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali jew lokali għandhom iqisu l-ħtiġijiet tat-tfal u l-adolexxenti u jkunu bbażati fuq ir-riżultati tar-riċerka li tipprovdi evidenza empirika. L-implimentazzjoni tagħhom għandha tiġi mmonitorjata regolarment b'metodoloġiji standardizzati sabiex jiġu vvalutati kemm huma effettivi u rilevanti.
15. L-isport u l-attività fiżika organizzati fi ħdan jew barra l-klassijiet tal-edukazzjoni fiżika għandhom ikunu varjati, imfassla skont il-kapaċitajiet tal-individwi u mmexxija b'mod sikur u etiku. Is-sejba ta' tgawdija u attitudni pożittiva lejn l-isport u l-attività fiżika fl-iskola jistgħu jikkontribwixxu għal drawwiet tul il-ħajja u stili ta' ħajja sani¹¹.

¹⁰ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1-7.

¹¹ Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, Eurydice: *Physical education and sport at school in Europe*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (2013). Tipikament, l-għadd ta' sigħat ta' edukazzjoni fiżika jammonta għal inqas minn 10 % tal-għadd totali ta' sigħat ta' klassijiet; Rapport ta' WHO Europe: *Health-enhancing physical activity in the European Union, 2024*.

16. L-isport u l-attività fiżika għandhom influwenza pożittiva fuq is-saħħa mentali. Dawn jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-istress, l-ansjetà u d-dipressjoni, filwaqt li jtejbju l-kwalità tal-ħajja. Barra minn hekk, jistgħu jservu bħala mezzi naturali u effettivi għall-prevenzjoni u t-trattament f'dan il-qasam billi jibnu l-awtostima, l-awtoaċċettazzjoni u s-sens ta' valur u fiduċja f'wieħed innifsu. Il-parteċipazzjoni regolari fl-attività fiżika ttejjeb il-burdata, u tgħin biex jittaffew is-sintomi ta' disturbi tas-saħħa mentali.
17. L-isport u l-attività fiżika jistgħu jkunu mezzi effettivi għall-promozzjoni tal-integrazzjoni u l-prevenzjoni tal-esklużjoni soċjali għat-tfal u l-adolexxenti irrispettivament mill-oriġini, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon, il-lingwa, l-isfond soċjoekonomiku, id-diżabilità u l-kapaċitajiet fiżiċi tagħhom, billi jrawmu l-interazzjoni soċjali, il-ħidma f'tim, il-kooperazzjoni, il-fiduċja, ir-reżiljenza, u sens ta' appartenenza. Approċċ integrat jista' jikkontribwixxi għall-inklużjoni tagħhom fl-attivitajiet sportivi, jippromwovi l-aċċessibbiltà kif ukoll jikkultiva l-valuri tal-isport.
18. Il-programmi, l-avvenimenti u l-proġetti organizzati fl-iskejjel jistgħu wkoll jippromwovu d-djalogu interkulturali u jżidu l-valur, u b'hekk il-parteċipanti jkunu jistgħu jsiru jafu dwar id-diversità kulturali permezz ta' attivitajiet sportivi konġunti u sport u loġħob tradizzjonali. L-għoti tas-setgħa lit-tfal u lill-adolexxenti biex ifasslu b'mod konġunt u jmexxu attivitajiet u loġħob joħloq opportunitajiet biex jitnaqqsu l-firdiet kulturali, titrawwem l-inklużività u jinħoloq sens akbar ta' responsabbiltà.
19. L-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-promozzjoni tal-ispostament attiv lejn l-iskejjel u l-attività fiżika fil-beraħ bħall-mixi, il-ġiri jew iċ-ċikliżmu mhux biss itejbu s-saħħa iżda jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju u l-iżvilupp ta' sensibilizzazzjoni ambjentali. L-aċċess għal infrastruttura xierqa għal forom attivi ta' spostament lejn klassijiet u edukazzjoni ambjentali permezz tal-isport jappoġġa kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali u jippromwovi r-responsabbiltà soċjali u s-sostenibbiltà.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, FIL-LIVELL ADATT:

20. Jippromwovu l-benefiċċji tal-attività fiżika regolari u jżidu l-għarfien ta' approċċ integrat tul l-edukazzjoni tat-tfal u l-adolexxenti, inkluż l-aspetti fiżiċi, soċjali, etiċi u mentali, u l-impatt pożittiv tiegħu fuq il-prattika tal-isport u l-attività fiżika, u b'hekk jiżviluppaw ħiliet trażversali u jiffaċilitaw l-apprendiment.
21. Joħolqu kundizzjonijiet għat-tfal u l-adolexxenti biex jinvolvu ruħhom fl-isport u l-attività fiżika, bi flessibilità xierqa fl-implimentazzjoni tagħhom. Idealment, dan għandu jammonta għal mill-inqas siegħa kuljum u jiġi promoss bħala parti integrali mill-kuntest tal-edukazzjoni, possibbilment billi jiġi inkorporat aktar moviment u bl-għan li titnaqqas l-imġiba sedentarja¹². Dan jista' jinkiseb billi l-infrastruttura tal-iskola u l-inħawi ta' madwarha jsiru aktar aċċessibbli, speċjalment barra u fejn possibbli f'ambjenti ħodor naturali, pereżempju permezz tal-użu ta' kodisinn attiv, klassijiet ta' edukazzjoni fiżika ta' kwalità għolja, attivitajiet sportivi ekstrakurrikulari, attivitajiet fiżiċi matul il-brejk, qabel, matul u wara l-klassijiet, inkluż meta possibbli fi tmiem il-ġimgħa u matul il-vaganzi tal-iskola, u l-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-ispostament attiv lejn u mill-iskola.
22. Jipprovdu politiki u programmi bbażati fuq l-evidenza fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika għat-tfal u l-adolexxenti f'konformità mal-għarfien xjentifiku u d-data statistika miksuba f'kooperazzjoni mal-universitajiet u l-istituzzjonijiet tar-riċerka. Tali kisbiet għandhom jiġu kondiviżi u promossi b'mod wiesa'.

¹² *WHO guidelines on physical activity and sedentary behaviour: at a glance*. Ġinevra: Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2020; Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, *Wellbeing and mental health at school – Guidelines for education policymakers*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

23. Jikkunsidraw il-monitoraġġ tal-livelli ta' attività fiżika, kundizzjoni fiżika u litteriżmu fiżiku tat-tfal u tal-adolesxenti, inkluż l-ostakli biex ikunu fiżikament attivi. Meta jagħmlu dan, jikkunsidraw l-iżvilupp ta' għodod dijanjostiċi standardizzati f'dan il-qasam, li jippermettu l-komparabbiltà tad-data u jiżguraw il-ġbir ta' informazzjoni f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ jistgħu jservu, fejn possibbli, biex joffru lit-tfal u lill-adolesxenti appoġġ iddedikat u aċċess għal attivitajiet sportivi u fiżiċi adattati.
24. Joħolqu kundizzjonijiet li jibbenefikaw lit-tfal u lill-adolesxenti kollha, inkluż dawk b'diżabilità u bi ħtiġijiet speċifiċi oħra, kif ukoll dawk li huma l-inqas attivi fiżikament, pereżempju billi jesploraw sinerġiji u komplementarjetajiet potenzjali mal-partijiet ikkonċernati tal-isport. Dan jista' jsir billi l-infrastruttura, it-tagħmir sportiv, l-attivitajiet u l-kompetenzi tas-superviżuri jiġu adattati¹³.
25. Isaħħu l-kooperazzjoni transsettorjali u jiżviluppaw sħubijiet bejn is-settur tal-isport, l-awtoritajiet lokali, l-iskejjel u partijiet oħra tas-soċjetà ċivili biex jinħolqu politiki u programmi ta' suċċess li jintegraw l-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni. Dan jista' jiġi appoġġat bl-iskambju ta' prattiki tajba¹⁴.

¹³ Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġh, l-Isport u l-Kultura, *Mapping on access to sport for people with disabilities — A report to the European Commission*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2018, <https://data.europa.eu/doi/10.2766/061635>

¹⁴ Bħal *Id-dimensjoni Ewropea tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku 2024 - inizjattivi Ewropej għall-iżvilupp tal-isport fl-iskejjel*, rapport imħejji mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ ta' Franza.

26. Fejn xieraq, jipprovdu appoġġ għal inizjattivi mmirati lejn il-kostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura sportiva, b'mod partikolari fl-iskejjel u fl-inħawi ta' madwarhom, u x-xiri ta' tagħmir sportiv biex jiżdied l-aċċess għal postijiet ta' eżerċizzju sikuri u moderni għat-tfal u l-adolexxenti kollha. Jiffaċilitaw dan l-aċċess billi jippjanaw l-iżvilupp ta' korsiji siguri biex jippermettu mobbiltà mhux motorizzata faċli u sikura. F'dan ir-rigward, għandha tingħata kunsiderazzjoni lit-tfal u lill-adolexxenti minn żoni żvantaġġati u soċjalment esklużi jew li b'xi mod ieħor jinsabu f'riskju ta' faqar u jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali, u tingħata spinta lill-miżuri meħuda f'dawn iż-żoni.
27. Jagħrfu s-sinifikat tal-kompetenzi tal-għalliema, il-kowċis u persuni oħra li jinkorporaw l-elementi tal-isport u l-attività fiżika waqt li jaħdmu mat-tfal u l-adolexxenti u jsaħħu l-azzjonijiet tagħhom billi:
- japprovaw il-ħtieġa li jiġu appoġġati billi jingħataw taħriġ kontinwu u l-ġhodod li jeħtieġu biex imexxu attivitajiet ibbażati fuq l-aħħar għarfien xjentifiku u bl-użu ta' teknoloġiji diġitali;
 - irawmu taħriġ speċifiku għalihom biex isaħħu l-valuri tal-isport u jqajmu kuxjenza dwar ir-rwol ewlieni tagħhom fit-tisħiħ tal-integrazzjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva u l-valuri komuni tal-UE;
 - jippromwovu l-użu ta' elementi tal-isport u l-attività fiżika fit-tagħlim ta' suġġetti għajr klassijiet tal-edukazzjoni fiżika sabiex jiġu appoġġati l-ħiliet fiżiċi u trażversali tat-tfal u l-adolexxenti;
 - jappoġġaw taħriġ adegwat dwar l-aspetti emozzjonali u etiċi għas-salvagwardja u ż-żamma tas-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal u l-adolexxenti, inkluż il-prevenzjoni tal-vjolenza fil-grawnds tal-isport u mġiba oħra ta' ħsara fl-isport;

- jippromwovu t-tfassil ta' spazji sikuri, siguri, aċċessibbli u inklużivi u l-iżvilupp ta' protokoll biex tiġi żgurata l-integrità fiżika, mentali, emozzjonali u soċjali tal-minorenni u biex il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jinżammu sikuri matul il-prattika tal-isport;
 - jirrikonoxxu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom miksuba fl-edukazzjoni formali u barra minnha, fejn applikabbli skont il-linji gwida tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.
28. Jirrikonoxxu l-involviment speċifiku tal-iskejjel fil-promozzjoni tal-isport u l-attività fiżika b'modi xierqa, billi pereżempju jqisu l-ħolqien ta' tikketta jew forom oħra ta' apprezzament. Dan jista' jiffaċilita u jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-iskejjel u l-moviment sportiv kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, madankollu m'għandux iwassal għal kompetizzjoni bejn l-iskejjel.
29. Jirrikonoxxu u jippromwovu l-ħiliet miksuba mit-tfal u l-adolexxenti permezz tal-involviment tagħhom fl-aspetti organizzattivi tal-isport u l-attività fiżika u jistednuhom jinvolve ruħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet meta jippjanaw l-attivitajiet sportivi tagħhom.
30. Jintegraw aspetti tas-sikurezza, għall-individwu u għal ħaddieħor, f'ħiliet u kompetenzi relatati mal-isport u l-attività fiżika sabiex titqajjem kuxjenza dwar ir-responsabbiltà soċjali u l-azzjonijiet li jsalvaw il-ħajja.

**JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI BIEX, F'KONFORMITÀ MAL-
PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI
TAGĦHOM:**

31. Jikkooperaw, filwaqt li jevitaw piż amministrattiv, għall-iżvilupp ta' sistemi għall-monitoraġġ tal-isport u l-attività fiżika, inkluż data dwar klassijiet ta' edukazzjoni fiżika u attivitajiet sportivi ekstrakurrikulari u jxerrdu informazzjoni dwar metodi ta' integrazzjoni tal-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni.
32. Iqisu, filwaqt li jevitaw piż amministrattiv u jisfruttaw is-sinerġiji mill-isforzi eżistenti, il-ġbir ta' materjali, metodoloġiji u studji tal-każijiet rilevanti fil-qasam taż-żieda fil-livelli tal-isport u tal-attività fiżika tat-tfal u l-adolexxenti fl-ambjent skolastiku, fost ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali u lokali, kif ukoll l-għalliema, il-kowċis u oħrajn involuti f'dan il-proċess, permezz ta' kooperazzjoni, sħubijiet u taġħlim bejn il-pari, pereżempju, u jqisu t-tixrid pubbliku u online taġħhom. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.
33. Jesploraw kif jippromwovu b'mod effettiv approċċi u sinerġiji transsettorjali bejn l-oqsma tal-isport, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh, is-saħħa¹⁵ u l-ippjanar urban, b'mod partikolari dawk immirati lejn iż-żieda tal-attività fiżika u t-tnaqqis tal-imġiba sedentarja fost it-tfal u l-adolexxenti u l-iżvilupp ta' strateġiji flessibbli biex jiġu miġġielda l-isfidi attwali f'dan il-qasam, pereżempju taħt rieżami possibbli tar-Rakkomandazzjoni dwar l-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa¹⁶.

¹⁵ Bħall-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, *Wellbeing and mental health at school – Guidelines for education policymakers*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

¹⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa, ĠU C 354, 4.12.2013, pp. 1–5.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

34. Tqis il-kwistjonijiet tal-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni fl-oqfsa rilevanti tal-politika tal-UE u fl-ambitu tad-diskussjoni preparatorja dwar id-dokument strateġiku tal-UE dwar l-isport, ippjanat li jitfassal sal-2026.
35. Tenfasizza l-importanza tal-programm Erasmus+ fil-qasam tal-isport fil-promozzjoni tal-attività sportiva fost it-tfal u l-adolessenti, l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-persunal sportiv, l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki, u s-simplifikazzjoni tar-riżultati tiegħu.
36. Tippromwovi l-possibiltajiet ta' finanzjament ta' proġetti tal-isport u tal-attività fiżika fil-programmi tal-UE u l-istrumenti finanzjarji tal-UE għall-politika ta' koeżjoni u l-iżvilupp reġjonali kif ukoll inizzjattivi rilevanti oħra fl-oqfsa tal-isport u l-attività fiżika tat-tfal u l-adolessenti bil-ħsieb tad-dimensjoni transsettorjali tiegħu.
37. Tqis l-iżvilupp ta' linji gwida għall-monitoraġġ ta' aspetti varji tal-attività fiżika fost it-tfal u l-adolessenti, inkluż il-fattibbiltà ta' metodoloġija standardizzata preċiża, affidabbli u oġġettiva li tagħmilha possibbli li titqabbel id-data bejn l-Istati Membri tal-UE u bl-użu ta' għodod affidabbli biex jiġu analizzati d-dimensjonijiet tal-attività fiżika, u tippromwovi r-riċerka dwar il-kompetenzi fiżiċi tat-tfal u l-adolessenti, irrispettivament mil-livell tagħhom ta' forma fiżika, li r-riżultati tagħhom jistgħu jipprovdu bażi għall-iżvilupp ta' strateġija ta' monitoraġġ u sistema armonizzata għall-UE f'dan il-qasam, li għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.
38. Tqis il-kwistjoni tal-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni bil-ħsieb li potenzjalment tiġi rieżaminata r-Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attivitajiet fiżiċi favur is-saħħa.

39. Fil-ħidma dwar l-Istrateġija ta' Ġustizzja Interġenerazzjonali, tiżgura li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni billi jissaħħu r-rabtiet bejn il-ġenerazzjonijiet bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata wkoll l-attività fiżika tul il-ħajja.
40. Tkompli tippromwovi l-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni permezz tal-kampanja #BeActive u l-attivitajiet tal-Ġimġha Ewropea tal-Isport madwar l-Ewropa biex tippromwovi l-użu tal-isport u l-attività fiżika bħala għodda edukattiva fil-livell lokali.

**JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV U LIL PARTIJET IKKONĊERNATI
RILEVANTI OĦRA BIEX, FIR-RIGWARD TAL-AWTONOMIJA TAGĦHOM:**

41. Jikkooperaw mal-iskejjel billi jiżviluppaw inizjattivi sportivi speċjali u joffru appoġġ sostantiv biex it-tfal u l-adolexxenti jkunu jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet, inkluż dawk orjentati lejn ir-rikreazzjoni, fejn xieraq, immexxija minn kowċis sportivi kwalifikati kif xieraq. Dawn l-attivitajiet għandhom jgħinu lit-tfal u lill-adolexxenti jiskopru forom varjati ta' attività fiżika adattati għall-ħiliet motorji tagħhom, filwaqt li jappoġġaw is-saħħa u l-iżvilupp personali tagħhom f'ambjent sikur, sigur, aċċessibbli u inklużiv.
42. Jorganizzaw avvenimenti sportivi u tipi oħra ta' attivitajiet fiżiċi, inkluż barra u fejn possibbli f'ambjenti ħodor naturali, li jinvolvu lit-tfal, lill-adolexxenti, lill-indokraturi, lill-komunitajiet tal-iskejjel u lill-atleti professjonali bl-għan li jippromwovu l-attività fiżika fost it-tfal u l-adolexxenti, filwaqt li jstimulaw l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, il-volontarjat sportiv u jhegħgu liż-żgħażaġħ jingħaqdu ma' klabbs sportivi lokali.

43. Iqisu l-involvement ta' atleti ewlenin biex jużaw l-immaġni pożittiva tagħhom biex jippromwovu l-isport u l-attività fiżika u l-valuri tal-isport fost it-tfal u l-adolexxenti, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti, workshops, lectures, kampijiet u kampanji ta' informazzjoni b'rabta mal-isport fil-kuntest tal-edukazzjoni. Preżentazzjonijiet pubbliċi minn individwi bħal dawn, ibbażati fuq l-istejjer personali tagħhom u l-kondiviżjoni tal-esperjenza tagħhom li jgħaqqdu l-attività sportiva mal-edukazzjoni, jistgħu jspiraw lit-tfal biex jarawhom bħala mudelli eżemplari.
44. Iqisu l-iżvilupp ta' sħubijiet mal-iskejjel, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u s-settur privat biex isaħħu l-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, avvenimenti sportivi u appoġġ għal infrastruttura sportiva inklużiva, aċċessibbli, sikura u sigura.
45. Jiffaċilitaw forom adegwati ta' taħriġ ta' voluntiera sportivi billi joħolqu opportunitajiet għat-tfal, l-adolexxenti u familji sħaħ biex jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp tal-isport u l-attività fiżika f'ambjent tal-iskola sikur, sigur, aċċessibbli u inklużiv, anke billi jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tal-klabbs sportivi lokali.
46. Jintensifikaw l-iskambju ta' Prattiki tajbin u l-livelli tal-isport u l-attività fiżika tat-tfal u l-adolexxenti billi jorganizzaw avvenimenti u attivitajiet differenti u jappoġġaw l-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju f'postijiet fejn ikunu twettqu b'suċċess miżuri biex tiżdied l-attività sportiva tat-tfal u l-adolexxenti.
-

Sfond politiku

- Linji Gwida tal-UE għall-Attività Fiżika: Azzjonijiet ta' Politika Rakkomandati b'Appoġġ għall-Attività Fiżika li Jtejbu s-Saħħa, approvati mill-Ministri għall-Ispport tal-UE f'Novembru 2008.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fl-isport għall-promozzjoni ta'-ċittadinanza attiva, ĠU C 372, 20.12.2011, pp. 24–26.
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa, ĠU C 354, 4.12.2013, pp. 1–5.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-isport tal-massa fl-iżvilupp ta' ħiliet trażversali, speċjalment fost iż-żgħażaġh, ĠU C 172, 27.5.2015, pp. 8–12.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal, ĠU C 417, 15.12.2015, pp. 46–51.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport, ĠU C 196, 8.6.2018, pp. 23-26.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar is-salvagwardja tat-tfal fl-isport, ĠU C 419, 12.12.2019, pp. 1-5.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni transsettorjali għall-benefiċċju tal-isport u l-attività fiżika fis-soċjetà, ĠU C 419, 4.12.2020, pp. 18–22.

- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar "L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli", ĠU C 170, 25.4.2022, p. 1–6.
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1–7.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-attività fiżika tul il-ħajja, ĠU C 501I, 13.12.2021, pp.1–6.
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem (2021/2058(INI)), ĠU C 224, 8.6.2022, p. 2–10.
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel, ĠU C 469, 9.12.2022, pp. 1–15.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-trawwim tal-legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar, ĠU C, C/2024/7401, 9.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/7401/oj>.